MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2005

Numru 33/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maurizio Baldacchino**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maurizio Baldacchino talli nhar l-20.09.2004 ghal habta tas-2.00 a.m. saqt vettura ta' l-ghamla Mini bin-numru tar-registrazzjoni BAC-663 matul Pjazza Sabina, Rabat, Ghawdex, (**1**) minghajr licenzja tas-sewqa mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` tat-Trasport ta' Malta, (**2**) minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni li tkopri r-riskji ta' terzi persuni, u (**3**) minghajr ma l-licenzja tal-vettura BAC-663 kienet renovata;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Jannar, 2005 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq

ammissjoni ta' l-imputat, sabet lill-imsemmi Maurizio Baldacchino hati skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, ikkundannatu multa ta' erbghin lira (Lm40) u skwalifikatu mill-licenzja tas-sewqan ghal periodu ta' sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Maurizio Baldacchino, minnu prezentat fis-7 ta' Frar 2005, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza riferibbilment ghall-iskwalifika;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet (Dott. Georgine Grech u Dott Stephen Tonna Lowell) fl-udjenza tat-22 ta' April 2005; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda biss il-piena. L-appellant qed jitlob li l-piena tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu tigi revokata. Hu jispjega fir-rikors tieghu li huwa jbati minn dislessija (ara r-rapporti li huma parti mid-dokument "A" anness mar-rikors ta' appell) u minhabba f'hekk kellu jispicca l-edukazzjoni "akkademika" tieghu u jisb impieg. Huwa jghid li sab impieg b'effett mis-7 ta' Frar ta' din is-sena (ara l-ittra a fol. 11 ta' l-inkartament), pero` ghal dana l-impieg jehtieg li jkollu licenzja tas-sewqan. Fisser ukoll fir-rikors tieghu li meta huwa kkommetta r-reati li taghhom ammetta l-htija huwa kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax-il sena, u li fir-realta` huwa saq il-vettura fir-Rabat, Ghawdex, ghal distanza relattivament zghira.

Din il-Qorti tosserva li skond is-subartikolu (2A) tal-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), kull min jinstab hati tar-reat skond dak l-artikolu – u l-appellant hekk instab hati in vista tat-tieni imputazzjoni – *"…ghandu (hlief jekk il-qorti ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor u minghajr pregudizzju ghas-setgha tal-qorti li tordna zmien itwal ta' skwalifika) jigi skwalifikat milli jkollu jew jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati…"*. Dan ifisser li l-piena ta' skwalifika hija wahda fissa, mhux b'parametri ta' minimu u massimu. Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, tali

skwalifika ma hix suggetta ghall-inzul[1] bi gradi minhabba l-eta` (Artikolu 37, Kap. 9), u dan peress li l-iskala tal-pieni fl-Artikolu 31 tal-Kodici Kriminali ma tikkontemplax il-piena ta' l-iskwalifika. It-talba tal-appellant, ghalhekk, tista' tigi kkunsidrata biss fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-imsemmi subartikolu (2A) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104, u cioe` jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li hemm "ragunijiet specjali" li jiggustifikaw varjazzjoni f'dak il-periodu determinat ta' tnax-il xahar.

Din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazjoni li tosserva li r-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 huwa wiehed serju, u dan ghas-semplici raguni li jekk waqt li persuna tkun qed tuza vettura minghajr id-debita kopertura ta' assigurazzjoni, tikkaguna hsara lil terzi, dawk it-terzi jkunu skoperti ghal dak li hu risarciment tad-danni. Huwa veru li llum hemm il-possibilita` ta' forma ta' kumpens, taht certi kundizzjonijiet, mill-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens[2], izda dan ma jnaqqas xejn mill-gravita` ta' dan ir-reat ghax wara kollox il-Fond imsemmi jigi surrogat fid-drittijiet tad-danneggjat u jista' jispicca hu (cioe` l-Fond) bhala d-danneggjat.

Fil-kaz *de quo* id-dislessija ta' l-appellant ma hi ta' ebda relevanza, u jidher li semmiet mill-appellant biex b'xi mod jipprova jigbed is-simpatija ta' din il-Qorti. L-appellant, bhala guvni ta' sbatax-il sena, messu kien matur bizzejjed biex jirrealizza l-gravita` ta' dak li kien qed jaghmel – isuq bla licenzja u bla kopertura ta' assigurazzjoni – u jekk kien ghad ma ghandux tali maturita` fl-20 ta' Settembru tas-sena l-ohra – bhalma jidher li ma kellux – allura jfisser li huwa sewwa li huwa jdum ftit aktar ma jinghata licenzja tas-sewqan sabiex nel frattemp forsi titnissel fih din il-maturita`. Kwazi kulhadd fil-gurnata tal-lum ikollu bzonn il-karozza in konnessjoni max-xoghol tieghu, izda dan il-fatt fih innifsu ma jammontax ghal "raguni specjali" ghall-finijiet tas-subartikolu (2A) imsemmi – apparti li l-ligi ssemmi "ragunijiet", fil-plural. Anqas ma hi tali raguni l-fedina penali nadifa ta' l-appellant.

---

[1] U anqas ghat-tlugh.
[2] Ara l-Artikolu 9D tal-Kap. 104 u r-regolamenti 25 *et seq.* ta' l-A.L. 435 ta' l-2003.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U in vista ta' dak li jipprovdi l-paragrafu (a) tal-proviso tal-imsemmi subartikolu (2A), il-periodu ta' l-iskwalifika jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------